# MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 52/2022-8

Il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI :**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

52.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

52.2 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

52.3 **Riżenja ta' ħaddiem tal-Kunsill**

Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Kunsill irċieva ittra ta' riżenja mill-Asst. Prinċipal tal-Kunsill it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija fejn infurmat lil Kunsill li ser tirreżenja peress li ser ikollha tgħix b'mod permanenti f'Malta u ser tfittex xogħol f'Malta. Fl-istess ittra informat lil Kunsill illi ser tibda' n-*notice* l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju 2022.

Is-Sindku nfurmat lil membri li l-Kunsill tkellem mad-DIER fejn ġie infurmat li skond il-kuntratt l-Asst. Prinċipal trid taħdem id-90 ġurnata notice jiġifieri mill-15 ta' Ġunju sas-7 ta' Settembru. Is-Sindku kompliet tgħid li għal librerija ser tagħti n-*notice.*

Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil unanimu sabiex jintalab il-permess tad-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex jibdew il-proċeduri biex tinħareġ sejħa għal Assistent Prinċipal fuq Skala 11 fuq bażi *full time.*

Il-membri awguraw suċċess għal futur lil Asst. Prinċipal tal-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħodu.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv